# Ittra tad-drittijiet għal persuni miżmuma f'detenzjoni taħt l-Att tat-Terroriżmu tal-2000

Dan il-fuljett jagħtik informazzjoni importanti dwar id-drittijiet tiegħek taħt il-liġi fl-Iskozja meta tkun qed tinżamm f'kustodja f'għassa tal-pulizija. Dan id-dokument jgħidlek x'inhuma d-drittijiet ewlenin tiegħek meta tkun qed tinżamm f'detenzjoni. Mhuwiex parir legali u ma jgħidlekx dwar id-drittijiet kollha tiegħek. Għandek tfittex il-parir legali indipendenti għal rasek.

Jekk jogħġbok aqra din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr. Dan jgħinek meta tiġi biex tieħu xi deċiżjonijiet waqt li tkun f'għassa tal-pulizija. Jekk jogħġbok staqsi lill-pulizija biex jispjegawlek kwalunkwe ħaġa li ma tifhimx f'dan il-fuljett, jekk tixtieq kopja faċli biex taqraha jew traduzzjoni.

**Ftakar x'inhuma d-drittijiet tiegħek:**

- Għandek id-dritt li tkun taf għaliex il-pulizija qed iżommuk taħt kustodja.
- Għandek id-dritt li jiġi mgħarraf avukat bil-fatt li inti tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dan hu bla ħlas.
- Għandek id-dritt li persuna interessata fil-benesseri tiegħek tiġi mgħarrfa bil-fatt li inti tinsab għand il-pulizija. Pereżempju, din tista' tkun qarib/qariba, persuna li tieħu ħsiebek, jew ħabib/a.
- Għandek id-dritt li tibqa' sieket. M'għandek għalfejn twieġeb l-ebda mistoqsija li jistaqsuk il-pulizija. IŻDA trid tagħtihom ismek, l-indirizz tiegħek, id-data tat-twelid tiegħek, fejn twelidt u n-nazzjonalità tiegħek.
- Għandek id-dritt li tkellem avukat mingħajr ebda dewmien fil-privat qabel ma l-pulizija jagħmlulek il-mistoqsijiet. Tista' wkoll tkellem avukat fi kwalunkwe ħin waqt li l-pulizija jkunu qed jagħmlulek il-mistoqsijiet.
- Jekk għandek taħt is-16-il sena, jew taħt it-18-il sena u inti soġġett għal ordni ta' superviżjoni obbligatorja, għandek ukoll id-dritt li jiġu jżuruk ġenitur jew kustodju fl-għassa tal-pulizija.
- Għandek id-dritt għal assistenza medika urġenti.
- Għandek id-dritt li tilmenta dwar il-mod kif ġejt ittrattat mill-pulizija.

# Id-drittijiet tiegħek

Jekk jogħġbok innota: F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-pulizija għandhom id-dritt li jdewmu jew iżommu l-aċċess tiegħek għal dawn id-drittijiet. Pereżempju, jekk il-pulizija jemmnu li jeħtieġ li jkellmuk sabiex iwaqqfu milli persuna oħra tweġġa'. **Dan ma jinkludix id-dritt tiegħek li tibqa' sieket.**

# 1. Informazzjoni għal nies li qed jinżammu taħt kustodja mill-pulizija

- ## Għarfien dwar għala ġejt arrestat u detenut

Il-pulizija jridu jipprovdulek informazzjoni sabiex tkun tista' tifhem għalfejn ġejt arrestat u għalfejn qed tiġi ssuspettat li inti involut fil-kummissjoni, il-preparazzjoni jew l-instigazzjoni tat-terroriżmu.

Fl-għassa tal-pulizija, il-pulizija jridu jgħidulek għalfejn jemmnu li jeħtieġ li tiġi detenut. Qabel ma tiġi mistoqsi xi mistoqsijiet dwar l-involviment suspettat tiegħek fit-terroriżmu, il-pulizija jridu jagħtu biżżejjed informazzjoni lilek jew lill-avukat tiegħek dwar x'jaħsbu li inti għamilt sabiex tkun tista' tiddefendi lilek innifsek mingħajr dannu għall-investigazzjoni tal-pulizija.

- ## Id-Dritt li Tibqa' Sieket

M'għandek għalfejn twieġeb l-ebda mistoqsija li jistaqsuk il-pulizija dwar dak li jaħsbu li għamilt int.

Kwalunkwe ħaġa li tgħid se tiġi mniżżla bil-miktub jew irrekordjata, u tista' tintuża bħala evidenza waqt ġuri, jekk il-każ tiegħek jittieħed il-qorti.

Madankollu lill-pulizija trid tgħidilhom ismek u l-indirizz tiegħek, id-data tat-twelid, il-post fejn twelidt u n-nazzjonalità meta jistaqsuk għal dawn id-dettalji.

- ## Kif tinforma lil xi avukat li inti tinsab l-għassa tal-pulizija

Tista' tistaqsi lill-pulizija biex jgħidu lil avukat li tinsab f'għassa tal-pulizija. Dan jista' jkun l-avukat tiegħek, jew jekk ma tafx avukat, l-avukat on-call. Il-pulizija se jagħmlu mezz biex jiġi kkuntattjat avukat malajr kemm jista' jkun. Dan huwa bla ħlas.

Kif tgħid lil persuna interessata fil-benesseri tiegħek li inti tinsab fl-għassa tal-pulizija.

Tista' tistaqsi lill-pulizija biex jikkuntattjaw lil persuna oħra biex jinfurmawhom li inti tinsab fl-għassa tal-pulizija. Dan jista' jkun xi ħadd tal-familja, is-sieħeb/sieħba tiegħek, il-persuna li tieħu ħsiebek, il-ħabib/a tiegħek jew persuna oħra li taf. Huma se jikkuntattjaw lil xi ħadd malajr kemm jista' jkun.

## Jekk għandek taħt is-16-il sena (jew taħt it-18-il sena u inti soġġett għal ordni ta' superviżjoni obbligatorja)

- Il-pulizija trid tipprova tinforma lill-ġenitur jew lill-kustodju tiegħek li inti qiegħed fl-għassa tal-pulizija.
- Il-ġenitur jew il-kustodju tiegħek jista' jiġi u jappoġġjak fl-għassa tal-pulizija.

- **Is-servizz ta' interpretu biex jgħinek**

Jekk ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ingliż, il-pulizija se jirranġaw biex iġibu lil xi ħadd li jitkellem il-lingwa tiegħek (interpretu) biex jgħinek. Dan hu bla ħlas. Hu importanti li tifhem dak li qed jingħad fl-għassa tal-pulizija.

Jekk inti trux jew ikollok problemi biex tikkomunika b'mod ċar, il-pulizija se jirranġaw biex iġibu lil xi ħadd biex jgħinek. Dan jista' jkun interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Brittanika (British Sign Language) jew professjonist ieħor xieraq. Dan hu bla ħlas.

- **Jekk m'intix Brittaniku**

Jekk m'intix Brittaniku, tista' tistaqsi lill-pulizija biex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni Għolja, l-Ambaxxata jew il-Konsolat tiegħek, biex jgħidulhom fejn int u għaliex qiegħed fl-għassa tal-pulizija. Jistgħu wkoll jiġu jżuruk fil-privat u jirranġawlek biex jiġi jarak avukat.

- **X'jiġri jekk tiġi akkużat?**

Jekk tiġi akkużat b'reat, jista' jkun li tiġi rilaxxat mill-kustodja, jew tista' tinżamm fl-għassa tal-pulizija u titressaq il-qorti fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss. Jew tista' tiġi rilaxxat jekk taqbel li tmur il-qorti f'data ffissata.

- **Aċċess għal dokumenti**

Jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti, inti jew l-avukat tiegħek se tingħataw nota tal-provi fil-każ. Dan sabiex inti jew l-avukat tiegħek tkunu tistgħu tippreparaw id-difiża tiegħek.

Għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni tal-informazzjoni rilevanti jekk inti ma tifhimx l-Ingliż.

- **Aċċess għal assistenza medika**

Il-pulizija se jistaqsuk xi mistoqsijiet dwar saħħtek u l-benessri tiegħek. Huwa importanti li tinforma lill-pulizija jekk għandekx kundizzjoni medika jew jekk tieħux xi mediċini. Importanti wkoll li tgħid lill-pulizija jekk għandek xi vizzju tad-droga jew tal-alkoħol, jew jekk qed taħseb biex tweġġa' lilek innifsek.

Il-pulizija jistgħu jitolbu professjonist mediku biex jeżaminak. Dan isir biex jaċċertaw li tkun indokrat kif xieraq waqt li qed tinżamm taħt kustodja. Jekk tħoss li għandek bżonn tara professjonist mediku, għid lill-pulizija.

Jekk tħossok ma tiflaħx, għandek id-dritt għal assistenza medika.

- **Ikel u Xorb**

Se tingħata l-ilma kull darba li titlob għalih. Se tiġi offrut l-ikel jekk tkun ilek taħt kustodja għal perjodu ta' aktar minn erba' sigħat. Jekk għandek xi rekwiżiti tad-dieta jew reliġjużi, għid lill-pulizija kmieni kemm jista' jkun.

- **Kif tagħmel ilment**

Jekk trid tilmenta meta tkun f'kustodja, tkellem ma' Spettur jew xi ħadd ta' grad ogħla. Jekk trid tilmenta wara li tinħeles, tista' tmur fi kwalunkwe għassa tal-pulizija jew iċċempel 101. Tista' wkoll tistaqsi lil xi ħadd ieħor biex iressaq ilment f'ismek, dejjem jekk tkun ipprovdejtilhom il-kunsens tiegħek bil-miktub. Jista' jkun ġenitur, ħabib/a, sieħeb/sieħba jew xi ħadd li tafda.

Jekk weġġgħek uffiċjal tal-pulizija waqt l-arrest tiegħek jew waqt li kont fil-kustodja tal-pulizija

għandek tilmenta mad-Dipartiment tal-Istandards Professjonali ta' Police Scotland.

**Jekk ikollok bżonn appoġġ addizzjonali (jekk jogħġbok kun af, din hija informazzjoni dwar servizz biss u ma tikkostitwixxix dritt):**

Jista' jkollok bżonn l-għajnuna biex tifhem x'qed jiġri meta tinsab fl-għassa tal-pulizija. Din l-għajnuna tista' tiġi pprovduta minn persuna li toffri appoġġ imsejħa Adult Xieraq. Dan jista' japplika għalik jekk ikollok xi disturb tas-saħħa mentali jew diżabilità intellettwali. Kellem lill-pulizija jekk taħseb li għandek bżonn dan l-appoġġ.

Jekk il-pulizija jaħsbu li għandek bżonn l-appoġġ ta' Adult Xieraq, huma jitolbu lil adult biex

## 2. Informazzjoni għal nies li se jiġu interrogati mill-pulizija

### • Is-servizz ta' avukat biex jgħinek

Għid lill-pulizija li tixtieq titkellem ma' avukat. Il-pulizija se jikkuntattjawlek avukat mill-aktar fis possibbli.

Ir-rwol ta' avukat huwa li jipproteġi d-drittijiet tiegħek u jagħtik pariri dwar il-liġi.

Tista' tagħżel li tkellem avukat li taf jew lill-avukat on-call. Dan l-avukat huwa indipendenti u ma jaħdimx għall-pulizija.

L-avukat se jgħidlek jekk jistax jagħtik il-pariri bla ħlas jew jekk hux se jkollok tħallas għall-pariri. Jekk ikollok tħallas, l-avukat jispjegalek kemm se tkun iċ-ċifra u kif tista' tħallas. Il-pulizija mhux se jħallsulek għall-avukat jew jiddiskutu dwar kif se jitħallas l-avukat tiegħek.

Inti jkollok il-permess li jkollok konversazzjoni privata ma' avukat qabel ma l-pulizija jagħmlulek il-mistoqsijiet sakemm ma jkunx hemm xi mistoqsijiet li jeħtieġ li jsirulek b'mod urġenti, għal raġunijiet ta' sigurtà.

Tista' tbiddel fehmtek dwar li tkellem avukat fi kwalunkwe ħin. Għid lill-pulizija mill-aktar fis possibbli u jikkuntattjaw avukat għalik.

Jekk l-avukat ma jiġix l-għassa tal-pulizija fil-ħin li qal li ġej, jew ikollok bżonn terġa' titkellem mal-avukat, tista' titlob lill-pulizija biex jerġgħu jikkuntattjaw lill-avukat.

Għandek id-dritt li jkollok avukat fil-kamra miegħek meta l-pulizija jagħmlulek il-mistoqsijiet sakemm ma jkunx hemm xi mistoqsijiet urġenti li jeħtieġ li jsirulek qabel ma jattendi l-avukat, għal raġunijiet ta' sigurtà.

### • Għal kemm tista' tinżamm għall-interrogazzjoni?

Il-pulizija jistgħu jżommuk detenut għall-interrogazzjoni għal sa 48 siegħa mingħajr ma jakkużawk b'reat. Minn ħin għal ħin, uffiċjal tal-pulizija ta' grad għoli jrid jiċċekkja l-każ tiegħek biex jara jekk għandekx tkompli tinżamm detenut. Din tissejjaħ reviżjoni. Inti tista' tinżamm detenut għal aktar minn 48 siegħa biss jekk ikun hemm il-permess minn qorti. Il-qorti tista' ttawwal il-perjodu ta' detenzjoni mingħajr ma tiġi akkużat b'reat għal massimu ta' 14-il jum mill-arrest tiegħek. F'dawn iċ-ċirkostanzi, inti trid tingħata dawn li ġejjin:

- Dokument bil-miktub li saret l-applikazzjoni biex id-detenzjoni tiegħek tiġi estiża;
- Il-ħin/data li fih saret l-applikazzjoni;
- Il-ħin/data meta l-applikazzjoni se tinstema' l-qorti; u
- Ir-raġuni(jiet) għalfejn intalbet estensjoni tad-detenzjoni.

Inti (kif ukoll ir-rappreżentant legali tiegħek ukoll) tridu tiġu infurmat permezz ta' avviż kull darba

li ssir applikazzjoni biex id-detenzjoni tiegħek tiġi estiża jew tiġi estiża aktar.

Inti u l-avukat tiegħek għandkom id-dritt li tagħtu l-opinjoni tagħkom dwar din id-deċiżjoni, sakemm inti ma tkunx fi stat li ma tistax tagħmel dan. Avukat jista' jagħtik parir dwar dan.

- **Viżitaturi tal-Kustodja Indipendenti**

Hemm membri tal-komunità li huma permessi jaċċessaw l-istazzjonijiet tal-pulizija. Dawn huma magħrufa bħala l-Viżitaturi tal-Kustodja u joperaw fuq bażi volontarja biex jiżguraw li persuni detenuti qed jiġu miżmuma b'mod xieraq u għandhom aċċess għad-drittijiet tagħhom.

Inti m'għandekx dritt li tara Viżitatur tal-Kustodja Indipendenti jew titolbu biex iżurek, iżda viżitatur jista' jitlob li jarak. Jekk iżurek Viżitatur tal-Kustodja Indipendenti waqt li tkun qed tinżamm f'kustodja, dan se jkun qed jaġixxi b'mod indipendenti mill-pulizija biex jiċċekkja li l-benessri u d-drittijiet tiegħek ġew protetti. Hija l-għażla tiegħek jekk tixtieqx tkellmu jew le.